Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 333/2016

Il-Pulizja

Vs

Fabio Psaila

Illum 18 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fabio Psaila detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 318874 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn ix-xahar t' Ottubru 2015 u f' dawn l-ahhar, fil-Gzejjer Maltin:

1) Naqas milli jaghti lil Isabella Mercieca Franz, is-somma ta' 280 Euro, ifissata minn din il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Fabio Psaila, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tirrevoka thassar u tannulla s-sentenza tat-13 ta' Gunju 2016, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Familja)

Tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skond il-ligi rigward il-manteniment ghall-perjodu imsemmi fl-akkuza u dana stante illi l-akkuza kif inharget hija zbaljata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi b' kull dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali:

Illi ai termini ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata, 1 ta' Marzu 2011, u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta' Frar 2012, Fabio Psaila kien ordnat illi jivversa manteniment mensili versu uliedu minuri, liema manteniment ikun dovut kull l-ewwel tax-xahar;

Illi l-akkuza tirreferi ghax-xahar ta' Ottubru 2015 u dawn l-ahhar hmistax il-gurnata;

Illi Isabelle Mercieca Frantz ghamlet ir-rapport gewwa l-ghassa tal-PuIuzija f' Novembru 2015, u ghalhekk l-akkuza ma setghetx tirreferi ghal 'dawn l-ahhar hmistax-il gurnata'.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mill-atti illi l-appellant hallas il-manteniment dovut ghal-perjodu indikat fl-akkuza u dan fil-mori ta' dan l-appell.

Ghalkemm thallas il-manteniment xorta wahda tirrizulta r-reita' billi l-manteniment thallas tardivament, madanakollu hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef